



KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 10 ta' Lulju 2012 (16.07)
(OR. en)

12402/12

Fajl Interisituzzjonal: 2012/0169 (COD)

EF 167
ECOFIN 690
CONSOM 97
CODEC 1879

PROPOSTA

minn: Kummissjoni Ewropea

data: 5 ta' Lulju 2012

Nru dok. Cion: COM(2012) 352 final

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-dokumenti bit-tagħrif ewljeni għall-prodotti ta' investiment

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifšir mingħand is-Sur Jordi A YET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 352 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 3.7.2012
COM(2012) 352 final

2012/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar id-dokumenti bit-tagħrif ewljeni għall-prodotti ta' investiment

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 187 final}
{SWD(2012) 188 final}

MEMORANDUM SPJEGATTIV

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija dwar it-titjib fit-trasparenza fis-suq tal-investimenti għall-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Il-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi – li jinkludu l-fondi ta' investiment, il-prodotti strutturati għall-konsumaturi u ċertu tipi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni użati għall-finijiet tal-investiment – huma essenzjali biex jissod isfaw il-ħtiġjiet taċ-ċittadini tal-UE għall-prodotti li bihom jistgħu jibnu t-tfaddil u l-investimenti, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għas-swieq kapitali effiċċenti li jgħinu l-finanzjament tat-ktabbir ekonomiku tal-UE.

Madankollu, jeżistu assimmetriji fl-informazzjoni dwar il-prodotti ta' investiment bejn l-investituri fil-livell ta' konsumatur u dawk li jfasslu dawn il-prodotti u li jfittxu li jbigħuhom lil dawn l-investituri. L-investituri fil-livell ta' konsumatur mhumiex imħejja tajjeb biex iħarsu l-aħjar interessi tagħhom. Dawn l-investituri spiss jiffacċċejaw informazzjoni li toħloq konfużjoni u li hija kumplessa żżejjed dwar investimenti possibbli, fejn ikun diffiċċli li r-riskji u l-ispejjeż tal-prodotti jiġi vvalutati jew ipparagunati. Dan jipprova l-effiċċjenza tas-swieq tal-investiment, u jwassal għal prezzi ġiet oħla għall-investituri. Dan jikkontribwixxi b'mod dirett ukoll għax-xiri ta' prodotti mhux adatti mill-investituri fil-livell ta' konsumatur, u jwassal għad-detriment ta' dawn l-investituri minħabba spejjeż jew telf mhux previst, opportunitajiet mitlufa, jew fl-agħar każ, minħabba t-telf tat-tfaddil ta' tul il-ħajja b'impatt drammatiku fuq il-benessri tal-individwu u tal-familja.

Id-divulgazzjonijiet eżistenti jvarjaw skont il-forma legali li jieħu l-prodott, aktar milli skont in-natura ekonomika tiegħi jew ir-riskji involuti għall-investituri fil-livell ta' konsumatur. Il-pargunabbiltà, il-komprensjonabbiltà u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni jvarjaw, għalhekk l-investitur medju jispicċċa jitħabat biex jagħmel il-paraguni meħtieġa bejn il-prodotti. Filfatt, id-divulgazzjonijiet dwar il-prodott spiss ikunu iż-żejed iffukati fuq li jnaqqsu r-riskji legali għall-manifattur milli biex jipprovd komunikazzjoni effettiva, miftuħa u bbilanċjata lill-konsumaturi potenzjali dwar il-prodott f'forma li l-konsumatur aktarx li jifhem u juża. L-informazzjoni – li mhix kummerċjalizzazzjoni – hija tipikament twila żżejjed u ma tenfasizzax biżżejjed il-punti jew l-informazzjoni ewleni.

L-importanza li dawn il-kwistjonijiet jiġi indirizzati għet-sotto lineata bil-kriżi finanzjarja. L-investituri fil-livell ta' konsumatur tiflu l-flus f'investimenti li kellhom riskji li ma kinu trasparenti jew ma kinu jinfieħmu minn dawk l-investituri. Barra minn hekk, il-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi inkluż il-prodotti strutturati għall-konsumaturi jew il-kuntratti tal-assigurazzjoni għall-finijiet tal-investiment spiss ġew u għadhom jiġi kkummerċjalizzati lill-investituri fil-livell ta' konsumatur bħala sostituti ta' prodotti semplicei bħall-kontijiet tat-tfaddil minkejja li l-investituri fil-livell ta' konsumatur mhux bilfors jifhem d-differenzi. Dan huwa fkuntest fejn il-fiduċja tal-investituri spicċċat: stħarriġ riċenti fost il-konsumaturi fl-UE wera li dawn jafdaw is-servizzi finanzjarji inqas mis-setturi l-oħra kollha tal-industrija.

Il-bini mill-ġdid tal-fiduċja fuq bażi soda huwa vitali. It-titjib fid-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza sabiex dawn jaħdmu favur l-investituri fil-livell ta' konsumatur, billi jitqiesu l-ħtiġjiet tagħhom huwa komponent vitali ta' dan.

L-UE diġà ħadet passi innovattivi permezz tal-iżvilupp tad-dokument tat-'tagħrif ewljeni għall-investitur' tal-UCITS (UCITS KIID). Dan ġie żviluppat b'mod ġdid, abbażi ta' ttestjar robust tal-approċċi tad-divulgazzjoni mal-investituri fil-livell ta' konsumatur infushom, biex l-informazzjoni pprovduta titqassar, tīġi ssimplifikata u ffukata sal-iżjed livell possibbli u jīġi żgurat li l-informazzjoni tintiehem mill-investitħu fil-livell ta' konsumatur medju.

Filwaqt li d-divulgazzjonijiet għall-UCITS għalhekk diġà tjiebu, dawk għall-firxa usa' ta' prodotti ta' investiment għall-konsumaturi għadhom ma tħibux. Il-kompli issa huwa li jiġu indirizzati dawn il-prodotti kollha: L-investituri fil-livell ta' konsumatur Ewropej għandhom dejjem jirċievu divulgazzjonijiet qosra, paragħunabbli u standardizzati, imsejħa 'dokumenti bit-taghřif ewljeni' jew KIDs f'dan il-memorandum spjegattiv, irrelevanti mill-prodott ta' investiment li qed iqisu.

Il-ġenesi ta' din il-proposta għal KID fl-UE kollha hija t-talba tal-Kunsill tal-ECOFIN f'Mejju 2007 biex il-Kummissjoni Ewropea teżamina l-koerenza tal-liġi tal-UE li tapplika għal tipi differenti ta' prodotti ta' investiment għall-konsumaturi.

L-ewwel stadju ta' ħidma wassal għall-adozzjoni mill-Kummissjoni f'April 2009 tal-Komunikazzjoni dwar il-Prodotti ta' Investiment għall-Konsumaturi Aggregat (PRIPs). Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-Komunikazzjoni li ambjent regolatorju sostenibbli u sodisfaċenti għall-bejgħ u d-divulgazzjonijiet tal-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi jista' jiġi stabbilit biss permezz ta' bidla leġiżlattiva fil-livell Ewropew, peress li n-nuqqas ta' regoli effettivi fil-livell Ewropew huwa l-bażi tal-inkonsistenzi fil-prassi fis-setturi kollha. Il-Komunikazzjoni nnutat żewġ oqsma għal iż-żejjed ħidma: ir-regoli li japplikaw għall-bejgħ, u r-regoli dwar id-divulgazzjonijiet tal-prodott. Din il-proposta tiżviluppa minn dan il-fluss ta' ħidma tal-aħħar dwar id-divulgazzjonijiet tal-prodott.

Il-proposta tieħu l-forma ta' Regolament, li ser ikun sostnun b'atti delegati/ta' implimentazzjoni dettaljati. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-approċċi u l-kontenut. L-atti delegati/ta' implimentazzjoni proposti jistandardizzaw il-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament sa fejn huwa possibbli, madankollu jadattaw miżuri kif meħtieġ għall-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti ta' investiment oħra għall-konsumaturi u l-profili tar-riskju differenti tagħhom, biex jiġi żgurat li x-xerrejja fil-livell ta' konsumatur dejjem jirċievu t-tagħrif ewljeni li jeħtieġ biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Dawn il-miżuri ddettaljati għandhom finalment jiffurmaw pakkett mar-Regolament propost. Dawn għandu jkollhom impatt fuq l-ispejjeż kumplessivi li huma relatati mal-introduzzjoni tal-KID u għalhekk l-għażiex tħalli dawn il-miżuri ddettaljati sejkun huma stess soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa.

Din il-proposta tifforma parti minn pakkett leġiżlattiv usa' ddedikat għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja tal-konsumatur fis-swieq finanzjarji. Il-pakkett għandu żewġ partijiet oħra. L-ewwel parti hija bidla estensiva tad-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni 2002/92/KE (IMD) biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jgawdu minn livell għoli ta' protezzjoni meta jixtru prodotti tal-assigurazzjoni. Il-parti finali tal-pakkett timmira li ssaħħa il-funzjoni tad-depożitarju ta' UCITS – element ewljeni għall-protezzjoni tal-investituri previst mid-Direttiva tal-UCITS. Sabiex tīġi żgurata l-effikċċa kontinwa ta' dan l-element importanti, qed jiġi proposti emendi mmirati għad-Direttiva 2009/65/KE.

Il-miżuri dwar id-divulgazzjoni tal-prodott proposti f'dan ir-Regolament jikkumplimentaw b'mod partikolari l-miżuri għall-protezzjoni tal-investitħu fir-rigward tal-pariri dwar l-investiment u s-servizzi tal-bejgħ. Sa fejn jikkonċerna l-bejgħ ta' depożiti strutturati, dawn

ġew indirizzat mill-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji li tħassar id-Direttiva 2004/39/KE¹. Ir-reviżjoni tal-IMD se tittratta b'mod spċificu t-titjib fir-regoli dwar il-bejgħ ta' prodotti tal-assigurazzjoni għall-investiment.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-inizjattiva hija r-riżultat ta' djalgu estenżiv u konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha.

Kien hemm żewġ fażijiet ta' dawn il-konsultazzjonijiet: l-ewwel fażi segwiet it-talba tal-Kunsill u ppreċediet il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2009. Kienet tinkludi sejħa bil-miktub għall-evidenza f'Ottubru 2007, Dikjarazzjoni ta' Reazzjoni f'Marzu 2008, workshop tekniku mar-rappreżentanti tal-industrija f'Mejju 2008, u Seduta Pubblika ta' livell għoli f'Lulju 2008. It-tieni fażi tal-konsultazzjoni kienet iżjed iffukata fuq l-elementi konkreti tal-fluss tal-ħidma dwar id-divulgazzjoni, u segwit il-Komunikazzjoni: sar workshop tekniku ieħor f'Ottubru 2009, u Aġġornament dwar il-ħidma ġie ppubblikat f'Diċembru 2009.

B'mod parallel ma' dawn l-isforzi, it-tliet Kumitat tal-Livell 3 tas-superviżuri nazzjonali (KSBE, CEIOPS u KRET) ħadmu flimkien biex jiżviluppaw il-ħsieb tagħhom dwar dan is-suġġett. L-ewwel riżultat kien is-sottomissjoni konġunta lill-Kummissjoni ta' tliet rapporti settorjali fit-18 ta' Novembru 2009. Billi ġiet rikonoxxuta n-natura transsettorejali ta' dan il-fluss ta' ħidma, ġiet stabbilita Task Force konġunta tal-Livell 3 dwar il-PRIPs fl-2009 u sena wara ssottomettiet lill-Kummissjoni r-Rapport Finali tagħha.

Il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar l-alternattivi konkreti f'Novembru 2010. Il-Kummissjoni rċeviet madwar 140 kontribuzzjoni li ġew ippubblikati fil-websajt tal-Kummissjoni. It-tweġibiet għal din il-konsultazzjoni wrew l-appoġġ tal-industrija kollha, tal-konsumaturi u tal-partijiet interessati fl-Istati Membri għall-inizjattiva u l-approċċ ġenerali propost. Id-differenzi fl-opinjonijiet kienu jiffukaw l-iżżej fuq il-kalibrazzjoni tal-kamp tal-applikazzjoni tar-reġim, u sa liema livell l-approċċ tat-tagħrif ewljeni għall-investitur tal-UCITS jista' jiġi kkuppat għal investimenti oħra fil-livell ta' konsumatur.

Dawn il-konsultazzjonijiet ġew issupplimentati b'serje ta' diskussionijiet mar-rappreżentanti tal-konsumaturi (FIN-USE, il-Grupp tal-Konsumaturi tas-Servizzi Finanzjarji, u l-Grupp tal-Utenti tas-Servizzi Finanzjarji), mar-regolaturi (il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, il-Kumitat Ewropew tat-Titoli, il-Kumitat Ewropew tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u mar-rappreżentanti mill-industrija.

Din il-proposta tibni fuq il-ħidma li twettqet mit-tliet Kumitat tal-Livell 3 (KSBE, CEIOPS u KRET²); l-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjonijiet, inklużi workshops, laqgħat mal-partijiet interessati, kif ukoll fuq l-esperjenza bir-reġim tat-tagħrif ewljeni għall-investitura li kien żviluppat għall-UCITS.

¹ COM(2011) 656 finali

² KSBE, CEIOPS u KRET huma l-kumitati li ġew qabel ABE, A EAPX u A ETS rispettivament

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni ħejjet valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi politiċi. L-alternattivi politiċi kienu relatati mal-kamp tal-applikazzjoni tar-reġim il-ġdid, il-livell tal-istandardizzazzjoni, min għandu jinżamm responsabbli biex jipproduċi d-divulgazzjoni, u kif għandu jiġi żgurat l-għoti effettiv tagħha lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Għadd ta' studji, inkluż studju innovattiv iffukat biex jaġhti stampa tal-imbiegħha relatata mal-investituri fil-livell ta' konsumatur, sostnew din il-ħidma fuq il-valutazzjoni tal-impatt.

L-abbozz tar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ġie eżaminat mill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt, u rivedut f'konformità mal-opinjoni pożittiva tiegħu tal-15 ta' April 2011. Fost titjib ieħor, l-interazzjoni bejn il-proposta u l-miżuri l-oħra dwar il-protezzjoni tal-investituri, inkluż dawk dwar il-prattiki tal-bejgħ għiet iċċarata iżjed, l-ambitu konkret tal-prodotti u l-entitajiet milquta bil-proposta saru iżjed ċari, l-interazzjoni possibbli tal-proposti ma' oqsma oħra tal-liġi tal-Unjoni ġiet iċċarata iżjed, l-analiżi tal-alternattivi ġiet approfondita u estiża, u l-istimi tal-ispiżza u l-benefiċċċi ġew aġġustati b'mod iżjed ċar biex jirriflettu l-passi li digħi t-tieħdu għall-UCITS. Barra minn hekk, l-analiżi tal-fatturi l-oħra rilevanti għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-investituri ġiet approfondita biex tirrifletti b'mod iżjed espliċitu li d-divulgazzjonijiet għall-investituri huma biss wieħed minn dawn il-fatturi, u li r-rwol tal-konsulenti jew il-bejjiegħha jista' jkun predominant biex jiddetermina jew jinfluwenza l-ġhażliet tal-investituri f'ħa fna ambjenti tal-bejgħ fil-prattika.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE. Hija tistabbilixxi r-regoli uniformi għad-divulgazzjonijiet dwar il-prodotti ta' investiment għall-investituri fil-livell ta' konsumatur. Timmira li tiżgura li l-investituri fil-livell ta' konsumatur ikunu jistgħu jifhmu l-karatteristiċi ewlenin u r-riskji tal-prodotti ta' investiment fil-livell ta' konsumatur u jipparagunaw il-karatteristiċi ta' prodotti differenti. Fl-istess ħin hija timmira wkoll li tiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn il-manifatturi differenti tal-prodotti ta' investiment u dawk li jbiegħu dawk il-prodotti. Għalhekk timmira li tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-mod dwar kif l-investituri fl-Unjoni jiġu infurmati dwar il-prodotti ta' investiment permezz ta' dokument qasir u kif l-informazzjoni tiġi pprovduta lilhom. Din il-proposta għalhekk tarmonizza l-kundizzjonijiet operattivi fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-prodotti ta' investiment għall-parteċipanti rilevanti kollha fis-suq tal-investimenti fil-livell ta' konsumatur, il-manifatturi tal-prodott, il-persuni li jbiegħu u l-investituri.

Regoli differenti li jvarjaw skont l-industrija li toffri l-prodotti ta' investiment u r-regolamentazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi bejn il-prodotti differenti u l-kanali tad-distribuzzjoni u joħolqu ostakli addizzjonal għas-Suq Uniku fis-servizzi u l-prodotti finanzjarji. L-Istati Membri digħiha azzjoni diverġenti u mhux koordinata biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-miżuri tal-protezzjoni tal-investituri u aktarx li dan l-iżvilupp ikompli. Il-kummerċ transfruntier tal-prodotti ta' investiment fil-livell ta' konsumatur qed jiżdied, iżda l-approċċi nazzjonali diverġenti ser iwasslu għal livelli differenti ta' protezzjoni tal-investituri, iżjed spejjeż u inċertezzi għall-fornituri u d-distributuri tal-prodotti li jirrappreżentaw impediment għal iżjed żvilupp transfruntier tas-suq tal-investimenti fil-livell ta' konsumatur. Dan l-iżvilupp ulterjuri jeħtieġ ukoll paraguni faċli bejn il-prodotti ta' tipi differenti madwar l-Unjoni. Standards diverġenti għad-divulgazzjoni lill-investituri jrendu dawn il-paraguni diffiċċi ħafna. Dawn ir-regoli differenti jistgħu jostakolaw il-

libertajiet fundamentali u għalhekk għandhom effett dirett fuq il-funzjonalement tas-suq intern. L-esperjenza fil-qasam tal-UCITS ukoll tindika li approċċi nazzjonali differenti għad-divulgazzjonijiet jistgħu jikkawżaw distorżjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni. Konsegwentament, il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 114 TFUE.

Huwa meqjus xieraq u meħtieġ li din il-proposta tieħu l-forma ta' regolament, sabiex din l-inizjattiva tkun tista' tilħaq l-għan tagħha. Din il-miżura hija ddedikata biss għad-divulgazzjonijiet għall-investituri fil-livell ta' konsumatur. Ma tindirizzax drittijiet jew obbligi oħra tal-manifatturi tal-prodotti, tal-persuni li jbiegħu l-prodotti ta' investiment jew tal-investituri fejn Direttiva tista' tkun il-forma legali xierqa. L-esperjenza wriet li jekk id-divulgazzjoni dwar prodott tkun tinkludi informazzjoni standardizzata li tippermetti lill-investituri jipparagunaw il-prodotti ta' investiment differenti, din tista' tinkiseb biss b'dispożizzjonijiet applikabbi direttament li ma jeħtiġux lill-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonal ta' implimentazzjoni. Jekk ir-rekwiżiti dwar il-kontenut u l-forma tad-divulgazzjoni jkunu diverġenti bejn l-Istati Membri b'riżultat tat-traspożizzjoni ta' Direttiva, dan joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi għall-parteċipanti tas-suq u livell mhux ekwu ta' protezzjoni għall-investituri. Huwa importanti li dan ir-regolament jimponi obbligi diretti fuq il-partijiet privati fir-rigward tat-ħejja jew l-għoti tad-divulgazzjonijiet u l-ambitu ta' dawn l-obbligi ma għandux jiddependi fuq miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali.

3.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-TUE, l-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tittieħed biss meta l-miri previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu bizzżejjed mill-Istati Membri waħidhom u għalhekk, minħabba r-raġuni ta' skala jew l-effetti tal-azzjoni proposita, ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar mill-UE.

Il-miri ta' din il-proposta, li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fl-UE kollha fost il-manifatturi differenti tal-prodotti u l-persuni li jbiegħu l-prodotti ta' investiment u li tistabbilixxi livell uniformi ta' protezzjoni għall-investituri billi tistabbilixxi regoli armonizzati dwar it-trasparenza ma jistgħux jintlaħqu b'azzjoni fil-livell tal-Istati Membri. Approċċi nazzjonali jista' jkollhom impatt ta' benefiċċju fir-rigward tal-protezzjoni tal-investituri fl-Istati Membri inkwistjoni. Imma l-approċċi nazzjonali huma skont id-definizzjoni tagħhom stess ristretti għat-territorju nazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, hemm ir-riskju ta' approċċi diverġenti għad-divulgazzjonijiet għall-investituri. Ma jistgħux joħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha għall-manifatturi tal-prodotti ta' investiment u għall-persuni li jbiegħu u livell ekwu ta' protezzjoni għall-investituri fir-rigward tad-divulgazzjonijiet għall-investituri fl-UE kollha. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni fil-livell Ewropew.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità (l-Artikolu 5(4) TUE), huwa meħtieġ u xieraq għall-kisba tal-għanijiet ta' din l-inizjattiva li jiġu stabbiliti prinċipji relatati mal-kontenut u l-forma tad-divulgazzjoni għall-prodotti ta' investiment fil-livell ta' konsumatur, kif ukoll regoli dwar it-tfassil u l-għoti ta' dawn id-divulgazzjonijiet għall-investituri fil-livell ta' konsumatur. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu żviluppati iż-żejid fil-livell 2, sabiex il-livell meħtieġ ta' konsistenza fil-miżuri jkun jista' jintlaħaq biex jiffaċilita l-paraguni bejn il-prodotti ta' investiment li oriġinaw f'setturi differenti tal-industrijja.

3.3. Konformità mal-Artikoli 290 u 291 TFUE

Mill-1 ta' Jannar 2011 bdew japplikaw ir-Regolamenti li jistabbilixxu t-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej, l-ABE, l-AEAPX, u l-AETS³. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tixtieq tfakkar fid-Dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-Artikoli 290 u 291 TFUE li għamlet mal-adozzjoni tar-Regolamenti li saret fit-23 ta' Settembru 2009 u li skonthom: "Fir-rigward tal-proċess għall-adozzjoni tal-istandard regolatorji, il-Kummissjoni tenfasizza l-karatru uniku tas-settur tas-servizzi finanzjarji, li jsegwi l-istruttura Lamfalussy u rikonoxxut b'mod espliċitu fid-Dikjarazzjoni 39 għat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni għandha dubji serji dwar jekk ir-restrizzjonijiet dwar ir-rwol tagħha meta tadotta atti ddelegati u miżuri ta' implementazzjoni humiex konformi mal-Artikoli 290 u 291 TFUE."

3.4. Spjega ddettaljata tal-proposta

3.4.1. Il-prodotti ta' investiment li għandhom ikunu akkumpanjati b'KID meta jinbiegħu lill-investituri fil-livell ta' konsumatur

Prodotti ta' investiment jistgħu jiġu manifatturati biex jieħdu forom legali differenti, sabiex l-istess propożizzjoni ta' investiment tīgi offrta f'setturi differenti tal-industrija. Din il-manifattura tista' tagħti l-impressjoni li l-prodotti huma differenti sew, anke fejn il-finijiet ekonomiċi sottostanti jkunu simili (eż. fond, depożitu u kuntratt tal-assigurazzjoni marbut ma' unità jistgħu jidhru differenti ħafna, imma jistgħu jkunu użati bl-istess mod biex iwasslu l-istess propożizzjoni ta' investiment). Dawn il-prodotti kollha jfittxu li jindirizzaw ħtieġa relattivament sempliċi: l-akkumulazzjoni ta' kapital li jegħleb ir-rata ġiel-sa mir-riskju. Filwaqt li dawn il-prodotti jvarjaw f'dak li joffru – xi wħud jikkombinaw il-prospett ta' akkumulazzjoni tal-kapital ma' garanzija tal-kapital, filwaqt li oħrajn ma jagħmlux dan; xi wħud jikkombinaw l-element ta' investiment ma' element ieħor (bħal pereżempju joffru l-benefiċċji ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja) – kollha jinbiegħu lill-investituri fil-livell ta' konsumatur meta dawn javviċinaw lill-intermedjarji finanzjarji jew lill-manifatturi tal-prodott direttament għall-prodotti li jindirizzaw bżonnijiet ta' akkumulazzjoni ta' kapital.

Dawn il-prodotti ta' investiment jesponu lill-investitur għall-varjazzjonijiet fil-valur tas-suq tal-assi jew fl-iżborżi li jinkisbu mill-assi. Iżda din l-iskopertura mhix tat-tip dirett, bħal pereżempju meta investitur jixtri l-assi spēċifiċi nfushom. Minflok, dawn il-prodotti u dawk li jimmanifatturawhom jinterċedu bejn l-investitur u s-swiegħ, permezz ta' kombinament ta' pakkettjar ta' dawk l-assi, jew mekkaniżmi oħra li jvarjaw minn parteċipazzjoni diretta ("aggregazzjonijiet"). Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jinkludu tekniki bħall-ippuljjar tal-kapital mingħand diversi investituri biex jippermettu l-investimenti kollettivi, jew il-manipulazzjoni tal-iskoperturi permezz tal-użu tal-istumenti derivativi. Dawn it-tekniki jistgħu joħolqu kumpliessità addizzjonal, spejjeż u opaċċità fir-rigward tal-prodott. Jistgħu wkoll, madankollu, iħejju bil-quddiem f'każ li jinfirxu xi riskji u benefiċċji oħra li ma jkunux disponibbli għall-investitur weħidhom; jippermettu lill-investituri ordinarji jieħdu sehem fis-Swieq tal-investimenti b'mod iżjed effiċċenti, u dan iwassal għal swiegħ kapitali iżjed profondi u għażiela aħjar għall-investituri li jfittxu li jiddiversifikaw l-iskoperturi tal-investiment tagħhom. Sabiex tinkludi dawn il-prodotti kollha, id-definizzjoni tal-prodotti ta' investiment f'dan ir-Regolament tirreferi direttament għal din il-forma ta' 'prodotti aggregati'. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2009 kienet tirreferi spēċifikament għall-prodotti ta' investiment fil-livell ta' konsumatur *aggregati*, jew PRIPs; wara l-konsultazzjoni jiet, dan ir-Regolament

³

Regolament (UE) Nru.1093/2010, Regolament (UE) 1094/2010 u Regolament (UE) 1095/2010; ġU 15.12.2010, L 331, 12.

joperazzjonalizza din l-attenzjoni fuq l-investimenti aggregarti permezz ta' referenza għall-parteċipazzjoni indiretta fl-assi.

Din id-definizzjoni tinklejdi l-prodotti b'garanziji tal-kapital, u dawk li, flimkien mal-kapital, għandhom garanzija fuq proporzjon mir-rendiment; il-fondi tal-investiment, kemm jekk tat-tip magħluqa kif ukoll tat-tip miftuħa inklużi l-UCITS; il-prodotti strutturati kollha, hi x'inhi l-forma tagħhom (eż- aggregati bħala poloz tal-assigurazzjoni, fondi, titoli jew prodotti bankarji), prodotti tal-assigurazzjoni li l-valur ta' ċediment tagħhom huwa ddeterminat b'mod indirett mir-rendiment tal-investimenti proprii tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew anke fuq il-profitabbiltà tal-kumpanija tal-assigurazzjoni nnifisha kif ukoll tal-istumenti derivattivi. Xi wħud minn dawn il-prodotti jistgħu jintużaw bħala prodotti fil-livell ta' konsumatur għall-pensjoni individwali, jiġifieri vetturi ta' akkumulazzjoni għall-finijiet tal-ippjanar tal-irtirar.

B'rīzultat ta' din id-definizzjoni, dawn il-prodotti li ġejjin mhumiex koperti b'dan ir-Regolament:

- prodotti li r-rata tar-rendiment preċiża tagħhom tiġi stabbilita bil-quddiem tul il-ħajja kollha tal-prodott, peress li hawnhekk l-ammont pa-gabbli mhux soġġett għal varjazzjonijiet fil-valuri ta' assi oħra (ma hemmx riskju tal-investiment);
- ishma u bonds ordinarji, sakemm dawn ma jkunx fihom xi mekkaniżmu ħlief il-parteċipazzjoni dirett fl-assi rilevant;
- depożiti li mhumiex 'strutturati', jiġifieri depożiti li huma ddeterminati b'rata tal-imgħax bħal pereżempju l-EURIBOR jew il-LIBOR;
- prodotti tal-assigurazzjoni li joffru biss benefiċċi tal-assigurazzjoni, bħall-prodotti tal-assigurazzjoni li joffru purament protezzjoni jew prodotti tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, li ma jipprovd l-ebda valur ta' ċediment li huwa espost għall-varjazzjonijiet fil-prestazzjoni ta' assi wieħed jew aktar sottostanti jew ta' valuri referenzjarji.
- skemi tal-pensjoni tax-xogħol koperti bid-Direttiva 2003/41/KE jew id-Direttiva 2009/138/KE.
- prodotti tal-pensjonijiet li skont il-liġi nazzjonali jkunu jeħtieġ kontribuzzjoni finanzjarja mill-impiegatur u fejn l-impiegat ma jkollux għażla fir-rigward tal-fornitū tal-prodott tal-pensjoni.

Il-mekkaniżmi li bihom isiru l-iżborżi ma jkunux rilevanti biex jiġi ddeterminat l-ambitu: il-prodotti li jrendu dħul, jew jipprovdu żborż wieħed mal-maturità, jew li jadottaw xi arranġament ieħor, kollha jaqgħu fl-ambitu jekk dawn jissod isfaw id-definizzjoni ġenerali.

Id-definizzjoni ma tinklejdi l-ebda referenza għal prodott li jkun intenzjonat għall-użu fil-livell ta' konsumatur, anke jekk ħafna mill-prodotti ta' investiment jitfasslu mill-ewwel għal-livell ta' konsumatur. Dan huwa minħabba l-fatt li l-element tal-livell ta' konsumatur jista' jiġi ddeterminat biss fil-punt tal-bejgħ, meta d-distributur ibieġħ ċertu prodott ta' investiment lil konsumatur fil-livell ta' konsumatur, jew jaġhti parir dwaru. Madankollu, id-divulgazzjoni jeħtieġ li sseħħ kull meta prodott li jaqa' fl-ambitu jkun se jinbiegħ lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

3.4.2. Responsabbiltà għall-produzzjoni tal-KID – l-Artikolu 5

Il-proposta talloka b'mod espliċitu r-responsabbiltà għat-tħejjija tal-KID lill-manifattur tal-prodott ta' investiment, skont it-tifsira tar-Regolament: li jfisser persuna li tipproduc i prodott ta' investiment iż-żejt wkoll persuna li b'mod sostanzjali tkun biddlet ir-riskju jew l-istruttura tal-ispejjeż tal-prodott ta' investiment eżistenti. (L-entità li tikkombina prodotti oħra tkun manifattur ta' prodott). Din id-definizzjoni tinkludi s-sitwazzjoni fejn il-manifattur oriġinali ta' prodott finanzjarju partikolari ma jeżerċitax kontroll fuq il-prodott finali. Mhux kull bidla fil-prodott oriġinali twassal għal ċaqliq bħal dan fir-responsabbiltà. Madankollu, it-tibdil li b'mod sinifikanti jibdel il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott ta' investiment bħallprofil tiegħu tal-benefiċċji mir-riskji jew l-ispejjeż tiegħu għandu jiġi meqjus bħala rimanifattur tal-prodott kif kjarifikat fl-Artikolu 4. Il-delega tat-tħejjija ta' parti mid-divulgazzjoni jew tad-divulgazzjoni sħiħa lill-partijiet terzi, bħal ma jista' jiġi f-kollaborazzjoni mad-distributuri, ma għandha l-ebda impatt fuq ir-responsabbiltà kumplessiva tal-manifattur tal-prodott fir-rigward tal-KID.

3.4.3. Forma u kontenut tal-KID – Artikoli 6 sa 11

Din il-proposta tintroduċi l-prinċipji tar-reġim tal-KIID tal-UCITS għall-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi l-oħra kollha – il-KIDs kollha għandu jkollhom 'dehra u impressjoni standardizzati u l-kontenut iddisinjat biex iż-żommhom iffukati fuq it-tagħrif ewljeni ppreżentat b'mod komuni, sabiex tiġi promossa l-paragunabbiltà tal-informazzjoni u l-komprensjoni tagħha mill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Il-KID għandu jidher bħala opportunità ta' komunikazzjoni effikaċi mal-investituri potenzjali b'mod sempliċi. Għalhekk il-proposta tiprovd indikazzjonijiet ċari fir-rigward tal-forma u l-lingwaġġ tiegħu: għandu jkun dokument qasir, miktub b'mod konċiż, b'lingwaġġ mhux teknika li jevita l-kliehm tekniku, sabiex ikun jinftiehem mill-investituri fil-livell ta' konsumatur medju jew tipiku, imfassal f-format komuni sabiex l-investituri jkunu jistgħu jipparagunaw b'mod faċċi bejn il-prodotti ta' investiment differenti. Il-KID għandu jkun dokument waħdu fis-sens li l-investituri fil-livell ta' konsumatur ma jkunux meħtieġ jaqraw dokumenti oħra biex ikunu jistgħu jifhem l-karatteristiċi ewlenin tal-prodott ta' investiment u jieħdu deċiżjoni infurmata dwar l-investiment, u għandu jkun distint b'mod ċar minn materjal tal-kummerċjalizzazzjoni.

Il-proposta tispeċifika l-elementi essenzjali tal-prodott ta' investiment li għandhom jiġu deskritti fil-KID: l-identità tal-prodott u l-manifattur tiegħu, in-natura u l-karatteristiċi ewlenin tal-prodott inkluż il-possibbiltà li l-investituri jitilfu l-kapital, il-profil tar-riskji u l-benefiċċji tiegħu, l-ispejjeż u l-prestazzjoni fil-passat kif xieraq. Tista' tiġi inkluża informazzjoni oħra għal prodotti speċifiċi, u informazzjoni dwar riżultati futuri possibbli għandha tiġi pprovduta għal prodotti ta' pensjonijiet privati. Il-proposta tistabbilixxi format komuni u sekwenza ta' taqsimiet sabiex tippromwovi l-paragunabbiltà. Huwa ta' importanza ċentrali li l-informazzjoni inkluża fid-dokument tinżamm f'minimu, għaliex inkella d-dokument isir wisq ikkumplikat għall-investituri fil-livell ta' konsumatur. Sabiex tinżamm il-forma qasira tiegħu, l-ebda informazzjoni oħra ma għandha tkun inkluża fil-KID.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu sostnuti b'atti ddelegati u b'metodoloġiji ta' sostenn għall-kalkolu tad-divulgazzjonijiet sommarji tar-riskji u l-ispejjeż speċifikati fl-istandardi tekniċi. Dan l-approċċ jippermetti livell massimu ta' konsistenza u paragunabbiltà fid-divulgazzjonijiet b'konsistenza mal-varjetà ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni tar-reġim. Huwa previst li inizjattivi ta' appoġġ addizzjonalni jistgħu jikkontribwixxu b'mod

sostanzjali għas-suċċess ta' din l-inizjattiva, pereżempju, bl-iżvilupp ta' glossarji ta' termini komuni jew bil-kondiċjoni tal-aħjar prattiki fl-użu ta' lingwaġġ sempliċi.

Barra minn hekk, il-proposta tispjega l-miżuri li għandhom iżommu l-KID aġġornat u jiżguraw referenzi xierqa fl-informazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni li takkompanja.

Il-proposta tikkjarifika r-responsabbiltà tal-manifattur tal-prodotti ta' investiment abbażi tal-KID u l-obbligu tal-provi f'dan ir-rigward: huwa l-manifattur tal-prodott li jrid juri li kien konformi mar-Regolament meta ssir pretensjoni minn investitur fil-livell ta' konsumatur.

3.4.4. Obbligu li jiġi pprovdut il-KID – Artikoli 12 sa 13

Il-proposta tirrikjedi li l-KID jiġi pprovdut lill-investituri fil-livell ta' konsumatur (iktar milli sempliċiement jiġi offrut). Kull min ibieġħ il-prodott lill-investituri fil-livell ta' konsumatur (kemm jekk distributur kif ukoll jekk manifattur tal-prodott fil-każ ta' bejgħ dirett) għandu jipprovdi d-divulgazzjoni lill-investituri potenzjali f'bizzżejjed żmien qabel ma sseħħi it-tranżazzjoni tal-bejgħ. L-għażla taż-żmien tal-għoti huwa vitali; biex ikun effettiv id-dokument irid jiġi pprovdut qabel tittieħed id-deċiżjoni dwar l-investiment. Madankollu, ir-Regolament propost jipprovdi għal xi flessibbiltà rigward iż-żmien tal-għoti ta' ċertu forom ta' distribuzzjoni li mhumiex wiċċi imb'wiċċi. Il-proposta tinkludi wkoll rekwiżiti dwar il-midja li tintuża għall-provvista tal-KID lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, inkluż kundizzjonijiet iddisinjati biex jippermettu midja li mhijiex karta. Dawn ir-rekwiżiti għandhom l-għan li jiżguraw li l-midja użata tkun adatta għall-bejgħ u għall-aċċess kontinwu fil-futur għall-informazzjoni mill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Sabiex jinkisbu riżultati konsistenti, id-dettalji tal-metodu, l-għażla taż-żmien u l-kundizzjonijiet għall-għoti tad-divulgazzjoni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur se jiġu ċċarati permezz ta' atti ddelegati.

3.4.5. Ilmenti, rimedju u kooperazzjoni – Artikoli 14 sa 17

Din il-proposta tinkludi miżuri li jiżguraw proċeduri effettivi għall-ilmenti kemm minn naħħa tal-manifattur tal-prodott ta' investiment kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi miżuri li jiżguraw l-aċċess effettiv għall-proċeduri ta' riżoluzzjoni tat-tilwim u għar-rimedju.

Il-karatru transsettorjali ta' din il-proposta, li tinkludi s-servizzi bankarji, l-assigurazzjoni, it-titoli u l-prodotti tal-fondi, jirrikjedi kooperazzjoni aħjar u effiċjenti bejn l-awtoritajiet kompetenti fis-setturi kollha.

3.4.6. Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi – Artikoli 18 sa 22

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sanzjonijiet⁴ ikkonfermat li 'l-iżgurar tal-applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-UE huwa l-ewwel u qabel kollox il-kompiu tal-awtoritajiet nazzjonali, li għandhom ir-responsabbiltà jipprevjenu l-istituzzjonijiet finanzjarji milli jiksru r-regoli tal-UE, u jissanzjonaw il-vjolazzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom', iżda fl-istess ħin enfasizzat il-mod koordinat u integrat li bih għandhom jaġixxu l-awtoritajiet nazzjonali.

⁴

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Ku mitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Ku mitat tar-Reġjuni "Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji", tat-8 ta' Diċembru 2010 (COM(2010) 716 finali).

F'konformità mal-Komunikazzjoni u wara l-inizjattivi l-oħra fil-livell tal-UE fis-settur finanzjarju, din il-proposta fiha dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri mmirati biex jintroduċi approċċ armonizzat għas-sanzjonijiet sabiex tīgħi żgurata l-konsistenza. Huwa importanti li s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi jiġu applikati fejn id-dispożizzjonijiet ewlenin ta' din il-proposta ma jiġux segwiti u li dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri jkunu effettivi, proporżjonati u dissważi.

3.4.7. Dispożizzjoni tranżizzjonali għall-UCITS u klawżola tar-reviżjoni – Artikoli 23 sa 25

Bl-introduzzjoni riċenti tal-KIID għall-UCITS, ma jkunx proporzjonat li jiġu applikati r-rekwiżiti tal-KID ta' dan ir-Regolament għall-UCITS f'dan l-istadju. Għal din ir-raġuni, ġiet inkluża dispożizzjoni tranżizzjoni biex tippermetti lill-UCITS ikomplu jużaw il-KIID skont id-Direttiva 2009/65/KE għal ħames snin mid-dħul fis-sejjħ ta' dan ir-Regolament.

F'dak il-punt, il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta kif l-UCITS għandhom jiġu trattati u jekk u kif il-KIID tal-UCITS eżistenti għandu jiġi emendat sabiex jintlaħaq l-ikbar grad possibbli ta' paragunabbiltà tal-informazzjoni bejn l-UCITS u prodotti ta' investiment oħra soġġetti għall-KIID skont dan ir-Regolament. Apparti milli jidendifikaw aġġustamenti possibbli għall-kontenut tal-KIID tal-UCITS, diversi alternattivi huma possibl biex dawn l-aġġustamenti jsiru b'mod proporzjonat. Alternattiva minnhom tkun li jittawlu l-arranġament tranżizzjonali ta' dan ir-Regolament, sabiex l-UCITS ikomplu jkunu soġġetti biss għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/65/KE – għalkemm dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu aġġustati biex tīgħi żgurata l-paragunabbiltà tal-informazzjoni. Alternattiva oħra tista' tkun li d-Direttiva 2009/65/KE tīgħi emendata li billi jiġu rivokati d-dispożizzjonijiet dwar il-KIID tal-UCITS, u b'hekk ir-regoli sostantivi dwar id-divulgazzjoni tal-UCITS jinġiebu taħt dan ir-Regolament. Alternattiva finali tista' tkun li r-regoli sostantivi dwar il-KIID tal-UCITS jitħallew fil-qafas tal-UCITS, iżda jiġi stabbilit li dan id-dokument huwa ekwivalenti għall-KID tal-PRIPs skont dan ir-Regolament. Il-valutazzjoni tal-alternattivi tista' tinkludi, sejn meħtieġ, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe tibdil fil-KID f'dan ir-Regolament li jistgħu jkunu meħtieġa.

Dan ir-Regolament jipprevedi reviżjoni tal-effikaċja tal-miżuri tiegħu wara erba' snin. Din ser issir qabel tmiem il-perjodu tranzizzjonalni msemmi ħalli jkunu jistgħu digħi jsiru l-konklużjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-UCITS. Ir-reviżjoni għandha tqis ukoll jekk għandux jitwessa' iż-żejjew le l-kamp tal-applikazzjoni tar-Regolament biex ikopri prodotti ta' investiment ġodda jew innovattivi li jkunu qed jiġu offruti fl-Unjoni.

3.4.8. Interazzjoni ma' liġijiet oħra tal-Unjoni li jindirizzaw l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi

Fir-rigward ta' rekwiżiti oħra dwar id-divulgazzjoni fil-liġi tal-Unjoni, għandu jiġi nnat li l-KID meħtieġ skont dan ir-Regolament huwa dokument ta' divulgazzjoni ġdid li se jkun iddisinjat b'mod li jkun imfassal b'mod esklussiv, f'termini ta' kontenut u disinn tiegħu, għall-ħtiġijiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur ordinarji meta jkunu qed iqisu u jipparagunaw prodotti ta' investiment differenti qabel jagħmlu investiment. Id-disinn u l-ġħan tiegħu għalhekk mħumiex identiċi totalment identiċi ma' rekwiżiti oħra ta' divulgazzjoni bħas-sommarju skont id-Direttiva dwar il-Prospett jew ir-rekwiżiti tad-divulgazzjoni skont Solvenza II. Dawn id-divulgazzjonijiet għandhom l-ġħan li jissod is-faw finijiet oħra minbarra t-twassil tat-taqhrif ewljeni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, bħall-iżgurar tat-trasparenza lejn is-swieq finanzjarji jew ta' stampa sħiħa tad-dettalji kollha fir-rigward ta' kuntratt propost. Għalhekk, il-KID ma jistax faċiilment jieħu post dawn ir-rekwiżiti l-oħra u għandu jeżisti flimkien ma' dawn ir-rekwiżiti. Madankollu, l-esperjenza bir-rekwiżiti ta' dan

ir-Regolament se turi jekk fil-prattika r-rekwiżiti tal-KID għandhomx jiġu żviluppati iżjed, pereżempju sabiex jieħdu post-ċertu divulgazzjonijiet meħtieġa skont li ġi oħra tal-Unjoni.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-KID jeżistu flimkien mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-kummerċjalizzazzjoni b'distanza ta' servizzi finanzjarji fil-livell ta' konsumatur (DMFSD) u d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Ir-rekwiżiti tad-DMFSD huma relatati ma' servizz u r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku huma supplimentari għar-rekwiżiti ta' informazzjoni oħra skont il-liġi tal-Unjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament mhux ser ikollu impatt fuq dawk id-Direttivi.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Ma hemmx implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE fis-sens li mhux ser ikun meħtieġ finanzjament addizzjonal u mhux ser ikun meħtieġ persunal addizzjonal biex jitwettqu dawn il-kompli. Il-kompli previsti għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej huma fl-ambitu tar-responsabbiltajiet eżistenti ta' dawn l-Awtoritajiet, għalhekk l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-persunal previsti fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi approvati għal dawn l-Awtoritajiet hija biżżejjed biex tiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kompli.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar id-dokumenti bit-tagħrif ewljeni għall-prodotti ta' investiment

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea⁵,

Wara t-tażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkonsultaw il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-investituri fil-livell ta' konsumatur qegħdin dejjem iżjed jiġu offruti varjetà wiesgħa ta' tipi differenti ta' prodotti ta' investiment meta jikkunsidraw jaġħmlu investiment. Dawn il-prodotti spiss jipprovd u soluzzjonijiet speċifiċi ta' investiment imfassla skont il-ħtiġijiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur, iżda spiss ikunu kumplessi u diffiċli biex jinfieħmu. Id-divulgazzjonijiet eżistenti għall-investituri f'dawn il-prodotti ta' investiment mħumiex koordinati u spiss jonqsu milli jgħinu lill-investituri fil-livell ta' konsumatur jiċċippar gunaw bejn il-prodotti differenti, u jifhem l-karakteristiċi tagħhom. B'konsegwenza ta' dan, l-investituri fil-livell ta' konsumatur spiss għamlu investimenti bla ma feħmu bis-sħiħ ir-riskji u l-ispejjeż tagħhom, u għalhekk f'xi okkażjonijiet sofrew telf mhux previst.
- (2) It-titjib fid-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza tal-prodotti ta' investiment offruti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur huwa miżura importanti għall-protezzjoni tal-investituri u prekundizzjoni għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja tal-investituri fil-livell ta'

⁵

ĠU , , p. .

⁶

ĠU , , p. .

⁷

ĠU C, , p..

konsumatur fis-suq finanzjarju. L-ewwel passi f'din id-direzzjoni diġà ttieħdu fil-livell tal-Unjoni permezz tal-iżvilupp tar-reġim tat-tagħrif ewljeni għall-investitur stabbilit fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)⁸.

- (3) Regoli differenti li jvarjaw skont l-industrija li toffri l-prodotti ta' investiment u r-regolamentazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi bejn il-prodotti differenti u l-kanali tad-distribuzzjoni u joħolqu ostakli addizzjonali għas-Suq Uniku fis-servizzi u l-prodotti finanzjarji. L-Istati Membri diġà ħadu azzjoni diverġenti u mhux koordinata biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-miżuri tal-protezzjoni tal-investituri u aktarx li dan l-iżvilupp ikompli. L-approċċi differenti lejn id-divulgazzjonijiet dwar il-prodotti ta' investiment jimpedixxu l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-manifatturi differenti tal-prodotti ta' investiment u dawk li jbiegħu dawn il-prodotti u għalhekk ifixklu l-kompetizzjoni. Dan joħloq ukoll livelli mhux ekwi ta' protezzjoni għall-investituri mal-Unjoni. Dawn id-diverġenzi jirrappreżentaw ostaklu għall-istabiliment u l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 114 TFUE, kif interpretat skont il-każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar it-trasparenza fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-parteċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investiment sabiex jiġu evitati d-diverġenzi. Regolament huwa meħtieġ biex jiżgura li jiġi stabbilit standard komuni għad-dokumenti bit-tagħrif ewljeni b'mod uniformi li jkun kapaċi jarmonizza l-format u l-kontenut ta' dawn id-dokumenti. Ir-regoli ta' Regolament japplikaw direttament għalhekk għandhom jiżguraw li l-parteċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investiment ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti. Dan għandu jiżgura wkoll divulgazzjonijiet uniformi billi jipprevjeni rekwiżiti nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspozżżjoni ta' Direttiva. L-użu ta' Regolament huwa xieraq ukoll biex jiżgura li dawk kollha li jbiegħu l-prodotti ta' investiment ikunu soġġetti għar-rekwiżiti uniformi fir-rigward tal-ġhoti tad-dokument bit-tagħrif ewljeni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.
- (5) Filwaqt li t-titjib fid-divulgazzjonijiet tal-prodotti ta' investiment huwa essenzjali għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja tal-investituri fil-livell ta' konsumatur fis-swieq finanzjarji, il-proċessi ta' bejgħ regolati b'mod effikaċi għal dawn il-prodotti huma daqstant ieħor importanti. Dan ir-Regolament huwa kumplimentari għall-miżuri dwar id-distribuzzjoni fid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Huwa wkoll kumplimentari għall-miżuri mēħuda dwar id-distribuzzjoni ta' prodotti tal-assigurazzjoni fid-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰.
- (6) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti kollha, irrisspettivament mill-forma jew il-kostruzzjoni tagħhom, li huma mmanifatturati mill-industrija tas-servizzi finanzjarji biex jipprovdu opportunitajiet ta' investiment lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, fejn ir-rendiment offrut lill-investituri ikun skopert għall-prestazzjoni ta' assi wieħed jew iżjed jew ta' valuri referenzjarji li mhumiex rata tal-imgħax. Dan għandu jinkludi dawk il-prodotti ta' investiment bħall-fondi ta' investiment, il-poloz

⁸ ĠU L 302, 17.11.2009. p.32.

⁹ ĠU L 145, 30.4.2004. p.1.

¹⁰ ĠU L 9, 15.1.2003. p.3.

tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja b'element ta' investiment, u l-prodotti strutturati fil-livell ta' konsumatur. Fil-każ ta' dawn il-prodotti, l-investimenti mhumiex tat-tip dirett li jinkiseb meta l-assi nfushom jinxtraw jew tinkiseb parteċipazzjoni fihom. Minflok, dawn il-prodotti jinterċedu bejn l-investitur u s-swieq permezz ta' proċess ta' "aggregazzjoni", pakkettjar jew ġbir flimkien tal-assi sabiex jinħolqu skoperturi differenti, jiġu pprovduti karakteristiċi differenti lill-prodott, jew jinkisbu strutturi differenti tal-ispejjeż meta pparagunat ma' parteċipazzjoni diretta. Din l-"aggregazzjoni" tista' tippermetti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur jidħlu fi strateġiji ta' investiment li li kieku ma kinux ikunu aċċessibbli jew prattiċi, imma tista' teħtieġ ukoll li informazzjoni addizzjonali titqiegħed għad-dispożizzjoni, b'mod partikolari biex tippermetti l-ipparagunar bejn il-modi differenti ta' investimenti aggregat.

- (7) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament japplika biss għal dawn il-prodotti ta' investiment aggregati, il-prodotti tal-assigurazzjoni li ma joffrux opportunitajiet ta' investiment u l-prodotti li huma skoperti biss għal rati ta' mgħax għandhom għalhekk ikunu esklużi mill-kamp tal-applikazzjoni tar-Regolament. Assi b'parteċipazzjoni diretta, bħall-ishma tal-kumpaniji jew il-bonds sovrani, mhumiex prodotti ta' investiment aggregati, u għalhekk għandhom jiġi esklużi. Minħabba li l-enfasi ta' dan ir-Regolament hija fuq it-titjib tal-paragunabbiltà u l-komprensjonabbiltà tal-informazzjoni dwar prodotti ta' investiment li jkunu qed jiġi kkummerċjalizzati lil investituri fil-livell ta' konsumatur, skemi tal-pensjoni tax-xogħol li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitàajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonai¹¹ jew id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-neozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)¹², ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament. Bl-istess mod, ċerti prodotti tal-pensjoni jiet tax-xogħol li ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE għandhom jiġi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm il-liġi nazzjonali tkun teħtieġ kontribuzzjoni mill-impiegatur u sakemm l-impiegat ma għandux għażla firrigward tal-fornitur tal-prodott tal-pensjoni. Fondi ta' investiment dedikati għall-investituri istituzzjonal mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lanqas, peress li humiex għall-bejġħ lil investituri fil-livell ta' konsumatur. Madankollu, prodotti ta' investiment bil-għan ta' akkumulazzjoni ta' tfaddil għal pensjoni jiet individwali għandhom jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni għax spiss jikkompetu ma' prodotti oħra taħt dan ir-Regolament u huma distribbwit b'mod simili lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.
- (8) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza dwar ir-relazzjoni bejn l-obbligli stabbiliti minn dan ir-Regolament u l-obbligli stabbiliti mid-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġi offruti lill-pubbliku jew jiġi ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE¹³, u d-Direttiva 2009/138/KE, huwa neċċesarju li jiġi stabbilit li dawn id-Direttivi jkomplu japplikaw flimkien ma' dan ir-Regolament.

¹¹

ĠU L 235, 23.9.2003 p.10.

¹²

ĠU L 335, 17.12.2009, p.1.

¹³

ĠU L 345, 21.12.2003, p. 64.

- (9) Il-manifatturi tal-prodotti ta' investiment – bħall-maniġers tal-fondi, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-emittenti tat-titoli, l-istituzzjonijiet tal-kreditu jew id-ditti tal-investiment – għandhom ifasslu d-dokument bit-tagħrif ewljeni għall-prodotti ta' investiment li jippejja, peress li jinsabu fl-aħjar qagħda biex ikunu jafu l-prodott u jkunu responsabbli għalihi. Id-dokument għandu jitfassal mill-manifattur tal-prodott ta' investiment qabel il-prodotti jkunu jistgħu jinbiegħu lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Madankollu, fejn il-prodott ma jinbiegħx lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, ma hemmx il-ħtieġ li jitfassal dokument bit-tagħrif ewljeni, u fejn mhux prattiku għall-manifattur tal-prodott ta' investiment li jfassal id-dokument bit-tagħrif ewljeni, dan jista' jiġi ddelegat lil ħadd ieħor. Sabiex jiġi żgurat it-tixrid wiesa' u disponibbiltà tad-dokumenti bit-tagħrif ewljeni, dan ir-Regolament għandu jippermetti l-pubblikkazzjoni mill-manifattur tal-prodott ta' investiment permezz ta' websajt tal-ġhażla tiegħu.
- (10) Sabiex jiġi ssodisfati l-ħtieġi tal-investituri fil-livell ta' konsumatur, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-prodotti ta' investiment tkun preciżja, ġusta, ċara u ma tiżgwidax lil dawk l-investituri. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi standards komuni għall-abbozzar tad-dokument bit-tagħrif ewljeni, sabiex jiżgura li dan ikun jinfiehem mill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Minħabba d-diffikultajiet li ħafna mill-investituri mhux professjonisti jkollhom biex jifhmu t-terminoloġija finanzjarja speċjalizzata, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-vokabolarju u l-istil tal-kitba użati fid-dokument. Għandhom jiġi stabbiliti wkoll regoli dwar il-lingwa li biha għandu jitfassal id-dokument. Barra minn hekk, l-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom ikunu jistgħu jifhmu d-dokument bit-tagħrif ewljeni fih innifsu mingħajr ma jirreferu għal informazzjoni oħra.
- (11) L-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom jiġi pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa biex huma jieħdu deċiżjoni infurmata dwar l-investiment u jipparaguna w il-prodotti differenti ta' investiment, imma jekk din l-informazzjoni ma tkunx qasira u konċiżja jkun hemm ir-riskju li ma jużawhiex. Id-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu għalhekk ikun fih biss tagħrif ewljeni, speċjalment fir-rigward tan-natura u l-karatteristiċi tal-prodott, inkluż jekk hux possibbli li jkun hemm telf tal-kapital, l-ispejjeż u l-profil tar-riskju tal-prodott, kif ukoll l-informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni, u ċertu informazzjoni speċifikha oħra li tista' tkun meħtieġa biex jinfiehem l-karatteristiċi tal-prodotti speċifiċi, inkluż dawk intenzjonati għall-użu fl-ippjanar tal-irtirar.
- (12) Id-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu jitfassal f'format li jippermetti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur jipparagunaw il-prodotti ta' investiment differenti, peress li l-imġiba u l-kapaċċitajiet tal-konsumatur huma tali li l-format, il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni jridu jiġi kkalibrati bir-reqqa sabiex jiġi mmassimizzat il-féhim u l-użu tal-informazzjoni. Għandha tīgħi segwita l-istess ordni fl-elementi ta' informazzjoni u fl-intestaturi ta' dawn l-elementi f-kull dokument. Barra minn hekk, id-dettalji tal-informazzjoni li għandhom jiġi inklużi fid-dokument bit-tagħrif ewljeni għall-prodotti differenti u l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni għandhom jiġi armonizzati iż-żejjed permezz tal-atti delegati li jqis u r-riċerka eżistenti u kontinwa dwar l-imġiba tal-konsumaturi, inkluż ir-riżultati tal-ittejjar tal-effikaċċa ta' modi differenti ta' kif tīgħi ppreżentata l-informazzjoni lill-konsumaturi. Barra minn dan, xi prodotti ta' investiment jagħtu għażla lill-investituri fil-livell ta' konsumatur bejn għadd ta' investimenti sottostanti. Dawk il-prodotti għandhom jitqiesu meta jitfassal il-format.

- (13) B'mod li qed jiżdied, l-investituri fil-livell ta' konsumatur mhux qegħdin ifixxu biss rendiment finanzjarju bid-deċiżjonijiet tal-investiment taġħhom. Spiss ifixxu wkoll finijiet oħra bħall-għanijiet soċjali jew ambjentali. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar l-aspetti mhux finanzjarji tal-investimenti tista' tkun importanti għal dawk li qed ifixxu biex jagħmlu investimenti sostenibbli u fuq tul ta' żmien. Madankollu, informazzjoni dwar ir-riżultati soċjali, ambjentali jew ta' governanza li jkun qed isfitteż il-manifattur tal-prodott ta' investiment tista' tkun diffiċli li tiġi pparagunata jew tista' tkun nieqsa għal kollox. Għalhekk, huwa mixtieq li d-dettalji tal-informazzjoni jiġu armonizzati iż-żejjed fir-rigward ta' jekk tqisux kwistjonijiet ambjentali, soċjali jew ta' governanza, u jekk inhu hekk, b'liema modi.
- (14) Id-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu jkun distint b'mod ċar minn kwalunkwe komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Is-sinifikat tiegħu ma għandux jitnaqqas minħabba dawk id-dokumenti l-oħra.
- (15) Sabiex jiġi żgurat li d-dokument bit-tagħrif ewljeni jkun fih informazzjoni affidabbli, dan ir-Regolament għandu jeħtieġ li l-manifatturi tal-prodott ta' investiment iż-żommu d-dokument bit-tagħrif ewljeni aġġornat. Għal dan il-ġhan, huwa meħtieġ li regoli dettaljati relatati mal-kundizzjonijiet u l-frekwenza tar-reviżjoni tal-informazzjoni u r-reviżjoni tad-dokument bit-tagħrif ewljeni jiġu stabbiliti f'att delegat li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni.
- (16) Id-dokumenti bit-tagħrif ewljeni huma s-sies tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment minn investituri fil-livell ta' konsumatur. Għal din ir-raġuni, il-manufatturi ta' prodotti ta' investiment għandhom responsabbiltà importanti, lejn l-investituri fil-livell ta' konsumatur, li jikkonformaw mar-regoli ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-investituri fil-livell ta' konsumatur li ddipendew fuq dokument bit-tagħrif ewljeni għad-deċiżjonijiet dwar l-investiment taġħhom ikollhom drittijiet effettivi ta' rimedju. Għandu wkoll jiġi żgurat li l-investituri kollha fil-livell ta' konsumatur fl-Unjoni jkollhom l-istess dritt ifixxu kumpens għad-danni li jistgħu jso fru minħabba nuqqasijiet fil-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament min-naħħa tal-manufatturi ta' prodotti ta' investiment. Għalhekk ir-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-manufatturi ta' prodotti ta' investiment għandhom jiġu armonizzati. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi li l-investituri fil-livell ta' konsumatur ikunu jistgħu jżommu lill-manufattur ta' prodott responsabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament fkaż ta' telf ikkawżat minħabba l-użu tad-dokument bit-tagħrif ewljeni.
- (17) Peress li l-investituri fil-livell ta' konsumatur ġeneralment ma jkollhomx għarfien fil-fond dwar il-proċeduri interni tal-manufatturi tal-prodotti ta' investiment, għandu jiġi stabilit obbligu tal-provi bil-kontra. Il-manufattur ta' prodott ikollu jiprova li d-dokument bit-tagħrif ewljeni tfassal f'konformità ma' dan ir-Regolament. Madankollu, l-investituri fil-livell ta' konsumatur ikollu jiprova li t-telf li ġarrab seħħ minħabba l-użu tal-informazzjoni fid-dokument bit-tagħrif ewljeni minħabba li dan jaqa' direttament fl-isfera personali tal-investituri fil-livell ta' konsumatur.
- (18) Fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltà ċivili ta' manufattur ta' prodott ta' investiment u li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament, dawn il-kwistjonijiet għandhom ikunu rregolati mil-liġi nazzjonali applikabbli kif determinat mir-regoli rilevanti tad-Dritt Internazzjonali Privat. Il-qorti kompetenti biex tiddeċċiedi dwar pretensjoni ta' responsabbiltà ċivili li tinġieb minn investituri fil-livell ta' konsumatur għandha tkun determinata mir-regoli rilevanti dwar il-Ġuriżduzzjoni Internazzjonali.

- (19) Sabiex l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata dwar l-investiment, il-persuni li jbiegħu l-prodotti ta' investiment għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu d-dokument bit-tagħrif ewljeni f'bizzżejjed żmien qabel ma tīgi konkluża kwalunkwe tranżazzjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika b'mod ġenerali irrisspettivamente minn fejn jew kif isseħħ it-tranżazzjoni. Il-persuni li jbiegħu jinklu du kemm id-distributuri kif ukoll il-manifatturi tal-prodott ta' investiment infuhom fejn dawn jagħżlu li jbiegħu l-prodott b'mod dirett lill-investitura fil-livell ta' konsumatur. Sabiex tīgi żgurata l-flessibbiltà meħtieġa u l-proporzjonalità, l-investitura fil-livell ta' konsumatur li jixtiequ jikkonklu du tranżazzjoni bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni b'distanza għandhom ikunu jistgħu jirċievu d-dokument bit-tagħrif ewljeni wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni. Anke f'dan il-każ, id-dokument bit-tagħrif ewljeni jkun utli għall-investitura, pereżempju biex l-investitura ikun jista' jipparaguna l-prodott mixtri ma' dak deskrift fid-dokument bit-tagħrif ewljeni. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.
- (20) Għandhom jiġu stabbiliti regoli uniformi sabiex jagħtu lill-persuna li tbiegħi il-prodott tal-investiment ċertu għażla rigward il-mezz li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni jingħata lill-investitura fil-livell ta' konsumatur u li jippermettu l-użu ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fejn hu xieraq wara li jkunu kkunsidrati c-ċirkostanzi tat-tranżazzjoni. Madankollu, l-investitura fil-livell ta' konsumatur għandhom jingħataw l-għażla li jirċivuh stampat. Fl-interess tal-aċċess għall-informazzjoni mill-konsumatur, id-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu jingħata dejjem mingħajr ħlas.
- (21) Sabiex tīgi żgurata l-fiduċja tal-investitura fil-livell ta' konsumatur fil-prodotti ta' investiment, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti għal proċeduri interni xierqa li jiżguraw li l-investitura fil-livell ta' konsumatur jirċievu tweġiba sostantiva mingħand il-manifattur tal-prodott ta' investiment għall-ilmenti tagħhom.
- (22) Proċeduri għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim jippermettu li s-soluzzjoni tat-tilwim tkun iktar mgħaż-ġġla u inqas għalja milli permezz tal-qrat u jħaffu l-piż fuq is-sistema tal-qrat. Għal dak il-ġhan il-manifatturi tal-prodotti ta' investiment u l-persuni li jbiegħu prodotti ta' investiment għandhom ikunu taħt obbligu li jipparteċ-ċipaw f'dawk il-proċeduri mibdija minn investitura fil-livell ta' konsumatur fir-riġward tad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti minn dan ir-Regolament, bla ħsara għal-ċerti salvagħwardji skont il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Partikolarment, il-proċeduri għal-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim ma għandhomx jiksru d-drittijiet li l-partijiet fit-tali proċeduri għandhom biex jibdew proċeduri legali quddiem il-qrat.
- (23) Billi d-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu jiġi prodott għall-prodotti ta' investiment mill-entitajiet li joperaw fis-settu bankarji, tal-assigurazzjoni, tat-titoli u tal-fondi tas-swieq finanzjarji, huwa ta' importanza kbira li tīgi żgurata l-kooperazzjoni bla xkiel bejn id-diversi awtoritajiet li jissuperviżjaw il-manifatturi tal-prodotti ta' investiment sabiex ikollhom approċċ komuni għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (24) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2010 dwar it-tiċhiż tar-reġimi ta' sanzjoni fis-settu finanzjarju¹⁵ u sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi sodisfatti, huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu

¹⁴

ĠU L 271, 9.10.2002. p.16.

¹⁵

COM(2010)716.

I-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur ta' dan ir-Regolament ikun soġġett għal sanzjonijiet u miżuri amministrattivi xierqa. Sabiex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet īkollhom effett dissważiv u tissaħħa il-protezzjoni tal-investituri billi jiġu mwissija dwar il-prodotti ta' investimenti ikkummerċjalizzati li jiksru dan ir-Regolament, is-sanzjonijiet u l-miżuri għandhom normalment jiġu ppubblikati, minbarra f'ċertu ċirkostanzi ddefiniti tajjeb.

- (25) Sabiex jiġu sodisfatti l-ġħanijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi ddelegata s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikar tad-dettalji dwar il-preżentazzjoni u l-format tad-dokument bit-tagħrif ewljeni, il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dokument bit-tagħrif ewljeni, ir-rekwiżiti dettaljati fir-rigward taż-żmien meta għandu jingħata d-dokument bit-tagħrif ewljeni kif ukoll fir-rigward tar-reviżjoni u l-analiżi tiegħu. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (26) Il-Kummissjoni għandha tadotta standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-AETS, l-ABE u l-AEAPX skont l-Artikolu 8 rigward il-metodoloġija sottostanti l-preżentazzjoni tar-riskju u l-benefiċċċi u l-kalkolu tal-ispejjeż permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-Artikoli 10 sa 14 rispettivi tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, 1094/2010 u 1095/2010.
- (27) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data¹⁶ tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-Istati Membri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u skont is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data¹⁷, jirregola l-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej skont dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Kwalunkwe proċessar ta' dejta personali mwettaq fil-qafas ta' dan ir-Regolament, bħall-iskambju jew it-trażmissjoni ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għandu jsir skont id-Direttiva 95/46/KE u kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.
- (28) Filwaqt li l-UCITS huma prodotti ta' investimenti fis-sens ta' dan ir-Regolament, l-istabbiliment riċenti tar-rekwiżiti tal-informazzjoni ewlenija għall-investitur skont id-Direttiva 2009/65/KE ifisser li jkun proporzjonat li l-UCITS bħal dawn jingħataw perjodu tranżitorju ta' 5 snin wara d-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament matul liema żmien ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament. Wara dan il-perjodu jsiru soġġetti għal dan ir-Regolament fin-nuqqas ta' xi estensjoni ta' dan il-perjodu tranżizzjoni.

¹⁶

ĠU L 281, 23.11.1995. p.31.

¹⁷

ĠU L 8, 12.1.2001, p.1.

- (29) Ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex tqis l-iżviluppi tas-suq, bħall-ħolqien ta' tipi ġoddha ta' prodotti ta' investiment, kif ukoll żviluppi f'oqsma oħra tal-liġi tal-Unjoni u l-esperjenzi tal-Istati Membri. Ir-reviżjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri introdotti tejbux il-fehim medju tal-investituri fil-livell ta' konsumatur dwar il-prodotti ta' investiment u l-paragunabbiltà tal-prodotti. Għandha tqis ukoll jekk il-perjodu tranżizzjonali li japplika għall-UCITS għandux jiġi estiż, jew jekk għandhomx jitqiesu alternattivi oħra għat-trattament tal-UCITS. Abbażi tar-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tissottommetti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkompanjat, fejn xieraq, bi proposti leġiżlattivi.
- (30) Sabiex il-manifatturi tal-prodott ta' investiment u l-persuni li jbiegħu l-prodotti ta' investiment jingħataw bizzżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni prattika tar-rekiżi ta' dan ir-Regolament, ir-rekiżi ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jibdew japplikaw qabel sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (31) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (32) Billi l-għan tal-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri t-titjib fil-protezzjoni għall-investituri fil-livell ta' konsumatur u t-titjib tal-fiduċja tagħhom fil-prodotti ta' investiment, inkluż fejn dawn il-prodotti jinbiegħu b'mod transfrontier, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaħdmu b'mod indipendenti minn xulxin, u hija biss l-azzjoni fil-livell Ewropew li tista' tindirizza d-dghħuffijiet identifikati, u għalhekk minħabba l-effetti tagħha tkun tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjet kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi dwar il-format u l-kontenut tad-dokument bit-taġħrif ewljeni li għandu jitfassal mill-manifatturi tal-prodott ta' investiment u regoli uniformi dwar l-ghtoti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-manifattura u l-bejgħ tal-prodotti ta' investiment.

Madankollu, ma għandux japplika għal dawn il-prodotti li ġejjin:

- (a) prodotti tal-assigurazzjoni li ma joffrux valur ta' ċediment jew fejn dak il-valur ta' ċediment ma jkunx totalment jew parzjalment skopert, b'mod dirett jew indirett, għall-varjazzjonijiet fis-suq;
- (b) depożiti b'rata tar-rendiment li hija ddeterminata f'relazzjoni ma' rata tal-imgħax;
- (c) titoli msemmija fil-punti (b) sa (g), (i) u (j) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2003/71/KE;
- (d) titoli oħra li ma jinkorporawx derivattiv;
- (e) skemi tal-pensioni tax-xogħol koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE jew id-Direttiva 2009/138/KE; u
- (f) prodotti tal-pensionijiet li skont il-liġi nazzjonali jkunu jeħtieġ kontribuzzjoni finanzjarja mill-impiegatur u fejn l-impiegat ma jkollux għażla fir-rigward tal-fornitur tal-prodott tal-pensioni.

Artikolu 3

1. Fejn il-manifatturi tal-prodott ta' investiment soġġetti għal dan ir-Regolament huma wkoll soġġetti għad-Direttiva 2003/71/KE, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2003/71/KE għandhom japplikaw it-tnejn.
2. Fejn il-manifatturi tal-prodott ta' investiment soġġetti għal dan ir-Regolament huma wkoll soġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2009/138/KE għandhom japplikaw it-tnejn.

Artikolu 4

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) 'prodott ta' investiment' tfisser investiment fejn irrispettivament mill-forma legali tal-investiment, l-ammont ripagabbli lill-investitur jiġi skopert għall-varjazzjonijiet fil-valuri ta' referenza jew fil-prestazzjoni ta' xi assi jew aktar li mhumiex mixtri ja direktament mill-investitur;
- (b) 'manifattur tal-prodott ta' investiment' tfisser:
 - i) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott ta' investiment;
 - ii) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel tibdil fi prodott ta' investiment eżistenti billi tbiddel ilprofil tar-riskju u tal-benefiċċċi tiegħu jew l-ispejjeż assoċjati mal-investiment fil-prodott ta' investiment;
- (c) 'investituri fil-livell ta' konsumatur' tfisser:
 - i) klijenti fil-livell ta' konsumatur kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

- ii) konsumaturi fis-sens tad-Direttiva 2002/92/KE;
- (d) 'prodotti ta' pensjoni' tfisser prodotti li taħt il-liġi nazzjonali huma rikonoxxuti li għandhom l-għan ewlieni li jipprovdu lill-investitur dħul fl-irtirar, u li jintitolaw lill-investitur għal ċertu benefiċi;
- (e) 'mezz durabbi' tfisser mezz durabbi kif definit fl-Artikolu 2(m) tad-Direttiva 2009/65/KE;
- (f) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, biseġħha legali li jissuperviżjaw il-manifattur tal-prodott ta' investiment jew il-persuna li tbiegħ il-prodott ta' investiment lill-investitur fil-livell ta' konsumatur.

KAPITOLU II **DOKUMENT BIT-TAGĦRIF EWLIENI**

TAQSIMA 1 **TFASSIL TAD-DOKUMENT BIT-TAGĦRIF EWLIENI**

Artikolu 5

Il-manifattur tal-prodott ta' investiment għandu jfassal dokument bit-tagħrif ewlieni skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għal kull prodott ta' investiment li jipproduċi u għandu jippubblika d-dokument fuq il-websajt tal-għażla tiegħu qabel il-prodott ta' investiment ikun jista' jinbiegħ lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

TAQSIMA II **FORMA U KONTENUT TAD-DOKUMENT BIT-TAGĦRIF EWLIENI**

Artikolu 6

1. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jkun preċiż, ġust, ċar u ma jiżgwidax.
2. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jkun dokument waħdu, separat b'mod ċar mill-materjali tal-kummerċjalizzazzjoni.
3. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jitfassal bħala dokument qasir li jkun:
 - (a) ippreżentat u strutturat b'mod li jkun faċli jinqara, bl-użu ta' tipa ta' daqs li tinqara;
 - (b) espress b'mod ċar u miktub b'lingwaġġ li tikkomunika b'mod li tiffaċilita l-féhim tal-investituri fil-livell ta' konsumatur tal-informazzjoni li tkun qed tiġi kkommunikata, b'mod partikolari fejn:
 - (i) il-lingwaġġ użat ikun ċar, fil-qosor u jista' jinftiehem;

- (ii) l-użu ta' kliem tekniku jiġi evitat;
 - (iii) it-termini tekniċi jiġu evitati meta minflok jistgħu jintużaw kliem komuni.
4. Jekk jintużaw kuluri fid-dokument bit-tagħrif ewljeni, dawn ma għandhomx inaqqsu l-komprezzjonabbiltà tal-informazzjoni fil-każ li d-dokument bit-tagħrif ewljeni jiġi stampat jew fotokopjat fl-iswed u l-abjad.
 5. Fejn il-markar korporattiv jew il-logo tal-manifattur tal-prodott ta' investiment jew tal-grupp li minnu jaġħmel parti jintużaw fid-dokument bit-tagħrif ewljeni, dan ma għandux it-tellef lill-investitur fil-livell ta' konsumatur mill-informazzjoni li jkun hemm fid-dokument jew joskura t-test.

Artikolu 7

Id-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu jinkiteb bil-lingwa uffiċjali, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn jinbiegħ il-prodott ta' investiment, jew b'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, jew fejn ikun ġie miktub b'lingwa differenti, dan għandu jiġi tradott f'waħda minn dawn il-lingwi.

Artikolu 8

1. It-titolu 'Dokument bit-Tagħrif Ewljeni' għandu jidher b'mod prominenti fuq in-naħa ta' fuq tal-ewwel paġna tad-dokument bit-tagħrif ewljeni. Nota spjegattiva għandha tidher direttament taħt it-titolu. Din għandha taqra kif ġej:

'Dan id-dokument jipprovdilek tagħrif ewljeni dwar dan il-prodott ta' investiment. Dan mhux materjal ta' kummerċjalizzazzjoni. L-informazzjoni hija meħtieġa bil-liġi biex tħinek tifhem in-natura ta' dan il-prodott ta' investiment u r-riskji li tinvesti fi. Nagħtuk parir taqrab sabiex inti tkun tista' tieħu deċiżjoni informata dwar jekk għandekx tinvesti jew le.

2. Id-dokument bit-tagħrif ewljeni għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) taħt taqsima fil-bidu tad-dokument, l-isem tal-prodott ta' investiment u l-identità tal-manifattur tal-prodott ta' investiment;
 - (b) taħt it-taqsima bit-titolu "X'inhu dan l-investiment?", in-natura u l-karatteristiċi ewlenin tal-prodott ta' investiment, inkluż
 - i) it-tip tal-prodott ta' investiment;
 - ii) l-għanijiet tiegħu u l-modi ta' kif se jintlaħqu;
 - iii) indikazzjoni dwar jekk il-manifattur tal-prodott ta' investiment hux qed jimmira għal riżultati ambjentali, soċjali jew ta' governanza speċifiċi, kemm fir-rigward tat-twettiq tan-neozju tiegħu jew fir-rigward ta' prodott ta' investiment, u jekk hu hekk, indikazzjoni tar-riżultati li qed jimmira għalihom u kif dawn se jinkisbu;
 - iv) fejn il-prodott ta' investiment joffri beneficij tal-assigurazzjoni, id-dettalji ta' dawn il-beneficij tal-assigurazzjoni;

- v) it-terminu ta' żmien tal-prodott ta' investiment, jekk magħruf;
 - vi) ix-xenarji tal-prestazzjoni, jekk rilevanti skont in-natura tal-prodott;
- (c) taħt it-taqṣima bit-titolu "Nista' ntilef il-flus?", indikazzjoni fil-qosor dwar il-possibbiltà ta' telf tal-kapital, inkluż
- i) kwalunkwe garanziji jew protezzjoni tal-kapital mogħtija, kif ukoll kwalunkwe limitazzjonijiet għalihom;
 - ii) jekk il-prodott ta' investiment huwiex kopert bi skema ta' kumpens jew garanzija;
- (d) taħt taqṣima intitolata "X'inhu l-użu tiegħu?" indikazzjoni tal-perijodu minimu ta' parteċ-ċipazzjoni rakkommandat u lprofil tal-likwidità mistenni tal-prodott inkluż il-possibbiltà u l-kundizzjonijiet għal kwalunkwe diżinvestiment qabel il-maturità, wara li jiġu kkunsidrati lprofil tar-riskji u l-benefiċċji tal-prodott ta' investiment u l-evoluzzjoni tas-suq li jimmira għalihom.
- (e) taħt it-taqṣima bit-titolu "X'inhuma r-riskji u x'nista' nieħu lura?", ilprofil tar-riskji u l-benefiċċji tal-prodott ta' investiment, inkluż indikatur f'għamlha sommarja ta' dan ilprofil u t-twissijiet fir-rigward ta' kwalunkwe riskju speċifiku li jista' ma jkunx rifless bis-sħiħ fl-indikatur f'għamlha sommarja;
- (f) taħt it-taqṣima bit-titolu "X'inhuma l-ispejjeż?", l-ispejjeż assoċjati mal-investiment fil-prodott ta' investiment, li jinkludu kemm l-ispejjeż diretti kif ukoll dawk indiretti li għandu jgħorr l-investitur, inkluż indikaturi f'għamlha sommarja ta' dawn l-ispejjeż;
- (g) taħt it-taqṣima bit-titolu "Kif mar fil-passat?", il-prestazzjoni fl-imgħodd i tal-prodott ta' investiment, jekk dan huwa rilevanti skont in-natura tal-prodott u t-tul tar-rekord tal-prestazzjoni tiegħu fl-imgħodd;
- (h) fil-każ ta' prodotti tal-pensioni, taħt taqṣima bit-titolu "X'nista' nieħu meta nirtira?", projekzjonijiet tar-riżultati futuri possibbli.
3. Il-manifattur tal-prodott ta' investiment jista' jinkludi biss tagħrif ieħor fejn huwa meħtieġ għall-investitur fil-livell ta' konsumatur biex jaġħmel deċiżjoni infurmata dwar l-investiment fi prodott ta' investiment speċifiku.
4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppreżentata f'format komuni inkluż l-intestaturi komuni u ssegwi l-ordni standardizzata stabbilita fil-paragrafu 2, sabiex tippermetti l-ipparagunar mad-dokument bit-tagħrif ewlieni ta' kwalunkwe prodott ta' investiment ieħor. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu juri b'mod prominenti simbolu komuni biex id-dokument ikun distint minn dokumenti oħra.
5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 23 li jiġi speċifikaw id-dettalji dwar il-preżentazzjoni u l-kontenut ta' kull wieħed mill-elementi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-preżentazzjoni u d-dettalji tal-informazzjoni l-oħra li l-manifattur tal-prodott jista' jinkludi fid-dokument bit-tagħrif ewlieni kif imsemmi fil-paragrafu 3, u d-dettalji tal-format komuni u s-simboli komuni msemmija fil-paragrafu 4. Il-Kummissjoni għandha tqis id-

differenzi bejn il-prodotti ta' investiment u l-kapaċitajiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur kif ukoll il-karatteristiċi tal-prodotti ta' investiment li jippermettu lill-investitur fil-livell ta' konsumatur jagħżel bejn investimenti sottostanti differenti jew għażiet oħra li joffri l-prodott, inkluż fejn din l-għażla tista' sseħħ f'punti taż-żmien differenti, jew fejn tista' tinbidel fil-ġejjieni.

6. L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards regolatorji li jiddeterminaw:

- (a) il-metodoloġija sottostanti l-preżentazzjoni tar-riskji u l-benefiċċi kif imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u
- (b) il-kalkolu tal-ispejjeż kif imsemmi fil-punt (f) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għandhom iqisu t-tipi differenti ta' prodotti ta' investiment. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jissottommu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [...].

Huma mogħtija setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandardi tekniċi regolatorji skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament 1094/2010 u l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 9

Il-komunikazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni li fihom informazzjoni speċifika relatata mal-prodott ta' investiment ma għandhomx jinkludu dikjarazzjonijiet li jikkontradixxu l-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni jew li jnaqqsu s-sinifikanza tad-dokument bit-tagħrif ewljeni. Il-komunikazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom jindikaw li ddokument bit-tagħrif ewljeni huwa disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni dwar kif dan jista' jinkiseb.

Artikolu 10

1. Il-manifattur tal-prodott ta' investiment għandu janalizza l-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni b'mod regolari u jirrevedi d-dokument fejn l-analiżi tindika li hemm bżonn isir it-tibdil.
2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 23 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-analiżi tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni u għar-reviżjoni tad-dokument bit-tagħrif ewljeni, fir-rigward ta':
 - (a) il-kundizzjonijiet u l-frekwenza tal-analiżi tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni;
 - (b) il-kundizzjonijiet li taħthom għandu jiġi rivedut it-tagħrif fid-dokument bit-tagħrif ewljeni, u li taħthom huwa obbligatorju jew fakultattiv li jiġi ppubblifik mill-ġdid id-dokument bit-tagħrif ewljeni rivedut;

- (c) il-kundizzjonijiet speċifiċi li taħthom għandha tiġi analizzata l-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni jew għandu jiġi rivedut id-dokument bit-tagħrif ewljeni meta l-prodott ta' investiment ikun disponibbli għall-investituri fil-livell ta' konsumatur b'mod mhux kontinwu;
- (d) iċ-ċirkostanzi li fihom l-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom jiġu infurmati dwar id-dokument bit-tagħrif ewljeni rivedut għal prodott ta' investiment mixtri minnhom.

Artikolu 11

1. Fejn il-manifattur tal-prodott ta' investiment ikun ipproċu dokument bit-tagħrif ewljeni li ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikoli 6, 7 u 8 u li abbażi tiegħu investitur fil-livell ta' konsumatur ikun ħa deċiżjoni ta' investiment, dak l-investituri fil-livell ta' konsumatur jista' jippretendi mingħand il-manifattur tal-prodott ta' investiment kwalunkwe telf ikkawżat lil dak l-investituri fil-livell ta' konsumatur minħabba d-dokument bit-tagħrif ewljeni.
2. Meta l-investituri fil-livell ta' konsumatur juri li sofra telf li rriżulta mill-użu tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewljeni, il-manifattur tal-prodott ta' investiment ikollu jipprova li d-dokument bit-tagħrif ewljeni tfassal f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament.
3. It-tqassim tal-obbligu ta' provi msemmi fil-paragrafu 2 ma għandux jitbiddel bil-quddiem permezz ta' ftehim. Kwalunkwe klawżola f'dawn il-ftehimiet bil-quddiem ma għandhiex torbot lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

TAQSIMA III GĦOTI TAD-DOKUMENT BIT-TAGħRIF EWLIENI

Artikolu 12

1. Il-persuna li tbieġi il-prodott ta' investiment lill-investituri fil-livell ta' konsumatur għandha tiprovd il-hom id-dokument bit-tagħrif ewljeni f'bizzżejjed żmien qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni relatata mal-prodott ta' investiment.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, persuna li tbieġi prodott ta' investiment tista' tagħti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur id-dokument bit-tagħrif ewljeni immedjatamente wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni meta:
 - (a) l-investituri fil-livell ta' konsumatur jagħżel li jikkonkludi t-tranżazzjoni peremzz ta' mezzi ta' komunikazzjoni mill-boġħod meta;
 - (b) l-għoti tad-dokument bit-tagħrif ewljeni skont il-paragrafu 1 ma jkunx possibbli, u
 - (c) meta l-persuna li tbieġi il-prodott ta' investiment tkun infurmat lill-investituri fil-livell ta' konsumatur dwar dan.

3. Meta jitwettqu tranżazzjonijiet suċċessivi fir-rigward l-istess prodott ta' investiment f'isem l-investitur fil-livell ta' konsumatur skont l-istrizzjonijiet mogħtija minn dak l-investitur lill-persuna li qed tbiex il-prodott ta' investiment qabel l-ewwel tranżazzjoni, l-obbligu li jiġi pprovdut id-dokument bit-tagħrif ewljeni skont il-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-ewwel tranżazzjoni.
4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti d-delegati skont l-Artikolu 23 li jispeċifikaw:
 - (a) il-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġi pprovdut id-dokument bit-tagħrif ewljeni f'biżżejjed żmien minn qabel kif stabbilit fil-paragrafu 1;
 - (b) il-metodu u l-limitu ta' żmien biex jingħata d-dokument bit-tagħrif ewljeni skont il-paragrafu 2.

Artikolu 13

1. Il-persuna li tbiex il-prodott ta' investiment għandha tiprovvdi d-dokument bit-tagħrif ewljeni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur mingħajr ħlas.
2. Il-persuna li tbiex il-prodott ta' investiment għandha tiprovvdi d-dokument bit-tagħrif ewljeni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur b'wieħed mill-mezzi li ġejjin:
 - (a) stampat;
 - (b) bl-użu ta' mezz durabbi għajr dak stampat, fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 jkunu ssodisfati; jew
 - (c) permezz ta' websajt fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 jkunu ssodisfati.
3. Madnakollu, meta d-dokument bit-tagħrif ewljeni jiġi pprovdut bl-użu ta' mezz durabbi għajr dak stampat jew permezz ta' websajt, għandha tingħata kopja stampata lill-investituri fil-livell ta' konsumatur fuq talba u mingħajr ħlas.
4. Id-dokument bit-tagħrif ewljeni jista' jiġi pprovdut bl-użu ta' mezz durabbi għajr dak stampat jekk jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-użu tal-mezz durabbi huwa xieraq fil-kuntest tan-negozju li jkun qed isir bejn il-persuna li tbiex il-prodott ta' investiment u l-investitur fil-livell ta' konsumatur; u
 - (b) l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun ingħata l-għażla bejn l-informazzjoni stampata u bil-mezz durabbi, u jkun għażel dak il-mezz l-ieħor.
5. Id-dokument bit-tagħrif ewljeni jista' jiġi provdut permezz ta' websajt jekk id-dokument bit-tagħrif ewljeni jkun indirizzata personalment lill-investituri fil-livell ta' konsumatur jew jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-għoti tad-dokument bit-tagħrif ewljeni permezz ta' websajt ikun xierqa fil-kuntest tan-negozju li jkun qed isir bejn il-persuna li tbiex il-prodott ta' investiment u l-investitur fil-livell ta' konsumatur;

- (b) l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun ikkonsenta li jingħata d-dokument bit-tagħrif ewljeni permezz ta' websajt;
 - (c) l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun ġie nnotifikat b'mod elettroniku bl-indirizz tal-websajt, u bil-post fil-websajt minn fejn jista' jaċċessa l-informazzjoni;
 - (d) fejn id-dokument bit-tagħrif ewljeni jkun ġie rivedut skont l-Artikolu 10 il-verżjonijiet riveduti kollha għandhom ikunu disponibbli wkoll għall-investitur fil-livell ta' konsumatur;
 - (e) ikun żgurat li d-dokument bit-tagħrif ewljeni jibqa' aċċessibbli fil-websajt għal perjodu ta' żmien raġonevolment twil biżżejjed biex l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun biex jikkonsultah.
6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4 u 5, l-għoti tal-informazzjoni bl-użu ta' mezz durabbli għajr dak stampat jew permezz ta' websajt għandhom jitqiesu xierqa fil-kuntest tan-neozju mwettaq bejn il-persuna li tbiex il-prodott ta' investiment u l-investitur fil-livell ta' konsumatur, jekk ikun hemm prova li l-investitur fil-livell ta' konsumatur għandu aċċess regolari għall-internet. L-għoti ta' indirizz elettroniku min-naħħa ta' investitur fil-livell ta' konsumatur għall-finijiet tat-twettiq ta' dak in-neozju għandu jitqies bħala evidenza ta' dan.

KAPITOLU II ILMENTI, RIMEDJU, KOOPERAZZJONI

Artikolu 14

Il-manifattur tal-prodott ta' investiment għandu jistabbilixxi proċeduri u arranġamenti xierqa li jiżguraw li l-investituri fil-livell ta' konsumatur li jkunu ssottomettew ilment fir-rigward tad-dokument bit-tagħrif ewljeni jirċievu tweġiba sostantiva fil-waqt u b'mod xieraq.

Artikolu 15

1. Fejn investitur fil-livell ta' konsumatur jibda proċedura ta' riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwima skont il-liġi nazzjonali kontra manifattur ta' prodott ta' investiment jew persuna li tbiex il-prodotti ta' investiment fir-rigward ta' tilwima dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti taħt dan ir-Regolament, il-manifattur tal-prodott ta' investiment jew il-persuna li tbiex il-prodotti ta' investiment għandha tipparteċċipa f'dik il-proċedura, sakemm tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) il-proċedura tirriżulta f-deċiżjonijiet li mhumiex vinkolanti;
 - (b) il-perjodu ta' limitazzjoni biex it-tilwima tinġieb quddiem qorti jkun sospiż għat-tul tal-proċedura għal riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim;
 - (c) il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-pretensjoni jkun sospiż għat-tul tal-proċedura;

- (d) il-proċedura tkun mingħajr ħlas jew bi spiża moderata, kif spċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;
 - (e) mezzi elettroniċi ma jkunx l-uniċi mezzi li bih il-partijiet jistgħu jiksbu aċċess għall-proċedura;
 - (f) fkażiġiet eċċeżżjonali meta l-urġenza tas-sitwazzjoni teħtieġ hekk ikunu possibbli miżuri interim.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-entitajiet bil-kompetenza li jittrattaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 sa [daħħal data konkreta ta' sitt xħur wara d-dħul fis-seħħħ/l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil sussegamenti li jikkonċerna dawk l-entitajiet.
 3. Entitajiet bil-kompetenza li jittrattaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkoperaw ma' xulxin fir-riżoluzzjoni ta' tilwim transfruntier li jirriżulta taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw ma' xulxin u mal-entitajiet responsabbi mill-proċeduri straġudizzjarji tal-ilmenti u r-rimedju msemmija fl-Artikolu 15.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien żejed, jipprovdu lil xulxin b'dik l-informazzjoni li tkun rilevanti għall-finijiet tat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 94/46/KE għall-iproċessar tad-dejta personali mwettaq fdak l-Istat Membru skont dan ir-Regolament.
2. Ir-Regolament KE Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom japplikaw għall-iproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-ABE, AEAPX u AETS.

KAPITOLU IV **SANZJONIJIET U MIŻURI AMMINISTRATTIVI**

Artikolu 18

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixx r-regoli li jistabbilixx s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi xierqa li għandhom jiġu applikati f'sitwazzjoni jiet ta' ksur tad-dispożizzjoni jiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implementati. Dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri għandhom ikunu effikaċi, proporżjonati u dissważivi.

Sa [24 xahar mid-dħul fis-seħħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Kongħunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Kongħunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej mingħajr dewmien dwar kwalunwke emenda sussegwenti għalihom.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħħom fl-Artikolu 19, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw mill-qrib biex jiżguraw li l-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi jiproduċu r-riżultati mixtieqa ta' dan ir-Regolament u jikkoordinaw l-azzjoni tagħħom sabiex jevitaw il-possibbiltà ta' xogħol doppju u dupplikazzjoni meta japplikaw il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi f'każiżiet transfruntieri.

Artikolu 19

1. Dan l-Artikolu japplika għal dan il-ksur li ġej:
 - (a) id-dokument bit-tagħrif ewljeni ma jikkonformax mal-Artikolu 6(1) sa (3) u l-Artikolu 7;
 - (b) id-dokument bit-tagħrif ewljeni ma jkunx fiha informazzjoni meħtieġa stipulata fl-Artikoli 8(1) u (2) jew ma jkunx ġie ppreżentat skont l-Artikolu 8(4);
 - (c) il-komunikazzjoni talk-kummerċjalizzazzjoni jkun fiha informazzjoni relatata mal-prodott ta' investiment li tikkontradixxi l-informazzjoni fid-dokument bit-tagħrif ewljeni, bi ksur tal-Artikolu 9;
 - (d) id-dokument bit-tagħrif ewljeni ma jiġix analizzat u rivedut skont l-Artikolu 10;
 - (e) id-dokument bit-tagħrif ewljeni ma jkunx ġie pprovdut fbizżejjed żmien minn qabel skont l-Artikolu 12(1);
 - (f) id-dokument bit-tagħrif ewljeni ma jkunx ġie pprovdut mingħajr ħlas skont l-Artikolu 13(1).
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa jimponu mill-inqas dawn il-miżuri u sanzjonijiet amministrattivi:
 - (a) ordni li tipprobixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott ta' investiment;
 - (b) ordni li tissospendi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott ta' investiment;
 - (c) twissija, li ssir pubblika u li tidentifika l-persuna responsabbi u n-natura tal-ksur;
 - (d) ordni għall-pubblikazzjoni ta' verżjoni ġdida tad-dokument bit-tagħrif ewljeni.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu imponew miżura jew sanzjoni amministrattiva waħda jew iż-żejed skont il-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa jippubblikaw jew jitkolbu lill-manifattur tal-prodott ta' investiment jew lill-persuna li tbiegħi il-prodott ta' investiment li

tippubblika komunikazzjoni diretta lill-investitur fil-livell ta' konsumatur ikkonċernat, biex jingħata informazzjoni dwar il-miżura jew is-sanzjoni amministrattiva, u jiġi infurmat dwar fejn jista' jagħmel l-ilmenti tiegħu jew jissottometti talbiet għar-rimedju.

Artikolu 20

L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 19(2) billi jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha inkluż:

- (a) il-gravità u t-tul taż-żmien tal-ksur;
- (b) il-grad tar-responsabbiltà tal-persuna responsabbli;
- (c) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi tal-investituri fil-livell ta' konsumatur;
- (d) l-imġiba kooperattiva tal-persuna responsabbli mill-ksur;
- (e) kwalunkwe ksur preċedenti mill-persuna responsabbli.

Artikolu 21

1. Fejn l-awtorità kompetenti tkun żvelat il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi lill-pubbliku, hija għandha simultajament tirrapporta dawk il-miżuri u sanzjonijiet amministrattivi lill-ABE, l-AEAPX u l-AETS.
2. Darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-ABE, l-AEAPX u l-AETS bl-informazzjoni aggregata rigward il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi kollha imposti skont l-Artikoli 18 u 19(2).
3. L-ABE, l-AETS u l-AEAPX għandhom jippubblikaw din l-informazzjoni f'rapport annwali.

Artikolu 22

Is-sanzjonijiet u l-miżuri imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 19(1) għandhom jiġu ddivulgati lill-pubbliku mingħajr dewmien żejjed inkluż mill-inqas l-informazzjoni dwar it-tip tal-ksur ta' dan ir-Regolament u l-identità ta' dawk responsabbli għalih, sakemm din id-divulgazzjoni ma tipperikolax b'mod serju s-swieq finanzjarji.

Fejn pubblikazzjoni tikkawża īxsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw is-sanzjonijiet fuq bażi anonima.

KAPITOLU IV **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

Artikolu 23

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' [4 snin] mid-dħul fis-seħħħ ta' dan ir-Regolament. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiżha awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xħur qabel tmiem kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa spċifikata fdik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard spċifikata fi. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkunu digħi fis-seħħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) għandhom jidħol fis-seħħħ biss jekk ma tiġix expressa ogħżejjon mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 24

Il-kumpaniji tal-immaġġjar u l-kumpaniji tal-investiment imsemmija fl-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2009/65/KE u l-persuni li jbiegħu l-UCITS kif iddeffinit fl-Artikolu 1(2) ta' dik id-Direttiva huma eżenti mill-obbligi skont dan ir-Regolament sa [ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data 5 snin wara d-ħul fis-seħħħ].

Artikolu 25

1. Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament. L-analiżi għandha tinkludi sħarriġ ġenerali dwar l-applikazzjoni prattika tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u tqies l-iżviluppi fis-swieq għall-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi. Fir-rigward tal-UCITS kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE, l-analiżi għandha tivvaluta jekk l-arranġamenti tranżizzjoni skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament għandhomx jiġi mtawwla, jew jekk, wara l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe

aġġustament meħtieġ, id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħrif ewljeni għall-investitur fid-Direttiva 2009/65/KE jistgħu jiġu mibdula minn jew meqjusa ekwivalenti għad-dokument bit-tagħrif ewljeni għall-investitur skont dan ir-Regolament. L-analiżi għandha wkoll tirrifletti fuq il-possibbiltà ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal prodotti finanzjarji oħra.

2. Wara l-konsultazzjoni mal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, il-Kummissjoni għandha tissottommetti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkompanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Artikolu 26

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [sentejn wara d-ħul fis-seħħ tiegħu].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*